# Iż-Żebbuġi msemmi għall-Manifattura tal-Ġobon tan-Nar

Consiglia Azzopardi M.Phil.



Feliċ Camilleri twieled iż-Żebbuġ Għawdex, imma meta żżewweġ lil Teresa mill-Munxar ġew joqgħodu Sannat fid-dar numru 11 Strada Chiesa li biż-żmien inbidlet fi Triq Dun Xand Aquilina. Għalkemm qatta' ħajtu f'ta' Sannat, Feliċ baqgħu jsibuh bħala ż-Żebbuġi. Mhux hekk biss, iżda l-familja dixxendenti tiegħu għadha sal-lum iġġib il-laqam taż-'Żebbuġi'!

## Fl-Awstralja

Wara li kellhom ħamest it-tfal tlett subien u żewġ bniet, Feliċ siefer lejn l-Awstralja. Trid tistudja l-istorja ta' l-emigrazjoni Maltija biex tifhem xi jfisser is-safar fis-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, meta l-emigrazjoni xejn ma kienet organizzata u lanqas min isiefer ma kien ikun ippreparat biex għix f'pajjiż l-bogħod minn fejn trabba' u jitħallat ma' nies ta' kulturi differenti minn dak li jkun imdorri bihom! Alla biss jaf minn x'hiex kien jeħtieġlu jgħaddi l-emigrant Malti u ma' x'hiex kellu jħabbat wiċċu!

Dawn kienu l-kummenti fuq l-emigranti Maltin (il-biċċa l-kbira tagħhom kienu Għawdxin!) li siefru qabel l-ewwel Gwerra fl-1914:
"La kienu kapaċi jaqraw u lanqas jiktbu u lanqas ma kienu jafu jitkellmu bl-Ingliż. Il-ġid tagħhom kien il-ħwejjeġ li kellhom fuqhom u dik ix-xi ħaġa li kienu jġorru fiċ-ċurniena mdendla fuq darhom. Xi wħud kienu jilbsu l-qorq għax lanqas żraben ma kellhom, u ġie li kien hemm min jimxi ħafi. Biex iwensu lil xulxin kienu joħorġu fi gruppi, jitkellmu jgħajtu bejniethom tant li kienu jagħmlu frattarija sħiħa. Kultant jaqbdu jgħannu. Kulħadd kien jibqa' jħares lejhom ... dawn huma Għarab!"[1]

Feliċ iż-Żebbuġi siefer fi żmien li l-Awstraljani ħassew il-bżonn ta' emigranti minn Malta għal xogħol fit-tramuntana ta' l-Awstralja, għaliex il-Maltin setgħu jaħdmu f'xemx qalila kemm bħala sajjieda kif ukoll bħala bdiewa biex jieħdu ħsieb l-oqsma tal-kannamieli u tal-kafe'. Dott. Richard Arthur, president ta' l-*Immigration League of Australasia*, fl-1912, kien ħeġġeġ lill-Maltin iwarrbu pjani ħalli jemigraw lejn pajjiżi oħra u jmorru lejn l-Awstralja, l-aktar lejn in-Northern Territory fejn, billi ftit kien hemm nies, il-Maltin żgur kienu jiġu milqugħa. Dak iż-żmien il-preżenza tal-Maltin kienet tolerata fin-Northern Territory imma mhux hekk fin-naħat żviluppati ta' l-Awstralja lejn Melbourne u Sydney. L-Awstraljani riedu ħaddiema Maltin fejn ma ridux jaħdmu huma, jiġifieri fin-Northern Territory u fl-inħawi ta' fuq ta' Queensland.[2]
L-emigranti Maltin kienu jsiefru bil-ħsieb li jagħmlu ftit snin hemm jaħdmu kemm jifilħu, jaqilgħu u jfaddlu kemmxa sewwa, biex wara jerġgħu lura lejn pajjiżhom fi ħdan il-familji tagħhom. Il-kommunikazjoni kienet ftit billi lanqas kienu jafu jiktbu u jaqraw ittra, u ħbarijiethom kienu jaslu kultant meta jiġi xi ħadd lura mill-Awstralja. Feliċ hemmhekk sab ruħu, jaħdem fil-kannamieli, wieħed minn grupp ta' tnax fejn ħdax kienu jaħdmu u wieħed joqgħod isajjar. Kuljum kien jinbidel dak li jsajjar, imma dak li kien ikun imissu, kien irid imur jixtri u ... tista' taħseb kif kienu jiftiehmu! Darba ried jixtri borma biex jgħalli l-għaġin fiha u wara ħafna mossi u sinjali spiċċa biex akwista ... awrinar! Xorta sajjar l-ispagetti u meta sħabu ġew lura mix-xogħol kulħadd kiel, u daħku kemm felħu! Storja li baqgħu jieħdu pjaċir jirrakkontaw.
Sadattant, Teresa mart Feliċ kienet miġbura d-dar hawn ta' Sannat, trabbi lil ħames uliedha mill-aħjar li setgħet. It-tfal kibru, marru l-iskola u kienu jimxu 'l quddiem għax kien moħħhom tajjeb. Min kellu niesu msiefrin dejjem kienu aħjar minn min kien jaħdem fir-raba jew fil-ġebel. Flus kien jibgħatilhom minn l-Awstralja, u din ix-xi ħaġa ma' dak li kienu jaqilgħu mix-xogħol tal-bizzilla kienu jgħixu tajjeb. Għax kulħadd kien jaħdem il-bizzilla, kemm l-omm kif ukoll il-ħames uliedha bniet u subien! Dak iż-żmien għal min kien jaħdem bil-għaqal, l-bizzilla kienet iġġib il-flus, u kulħadd seta' jaħdem kemm irid.

### Wara s-Safar



Lura Għawdex fl-1920 Feliċ dlonk ta rkaptu biex jaqbad xogħol. Is-safar għamlu nies, u għalkemm kemm hu u kemm martu kienu lliterati imma moħħom kienu jafu jħaddmuh u kif u x'fatta, ċerti notamenti kienu tgħallmu jħażżuhom, saru jifhmu kif jimxi negozju, u ma ngħidu xejn għal kalkoli tal-flus. Feliċ ħaseb li bil-għajnuna ta' wliedu subien u bl-iskola li kienu laħqu tgħallmu kien kapaċi jqabbad industrija tal-manifattura tal-ġobon. Ħadd ma jiftakar jekk Feliċ kienx ra xi ħaġa bħal din is-safar, jew jekk kienetx ħolqien ta' moħħu, u dan meta hu la kellu raba u lanqas bhejjem tal-ħalib. L-ewwel ma għamel iddeċieda li lis-subien joħroġhom mill-iskola biex ikunu jistgħu jgħinuh jew aħjar jaħdmu miegħu. Ġużepp, ibnu l-kbir kien diġa fir-raba' sena tas-sekondarja u billi kien intelliġenti kien tgħallem jikkorrispondi bl-Ingliż u bit-Taljan barra milli jagħmel il-kontijiet u jaħdem is-somom. Għalhekk lil dan Ġużepp ġie assenjat il-karriga ta' skrivan tal-industrija. Feliċ innifsu kellu jkun id-dar jaħdem il-ġobon, filwaqt li s-subien l-oħra kellhom l-inkarrigu li jmorru fl-irħula bil-bahal u l-karrettun jiġbru l-ħalib ta' kuljum, fil-għodu u fil-għaxija.

Sadanittant lil Feliċ twelditlu l-aħħar bint, fl-1921 meta Feliċ kellu qrib 60 sena. Din kien jisimha Katarin li meta kibret iżżewġet lil Frenċ Saliba bennej mix-Xewkija, u bnew dar ħdejn dik ta' missierha jiġifieri fi Triq Dun Xand Aquilina. Lil Katarin aħna nafuha bħala omm Dun Anton Saliba u ħutu Felica, Ġużepp u MariGwann. Hu minn għand dawn l-aħwa li ġbarna din l-informazzjoni.[3]

### L-Industrija tal-Ġobon

Fiż-żmien ta' bejn iż-żewġ gwerer, tista' tgħid li f'Għawdex kulħadd kien jgħix mir-raba, għax min ma kellux għelieqi tiegħu, dejjem kien isib idabbar ma min għandu, u d-djar fl-irħula kienu kollha rziezet b'xi ftit tiġieġ u fniek, xi żewġ mogħżiet u erba' ngħaġiet, il-ħmar jew bahal għall-ħrit u għall-ġarr, xi baqra u xi qażquż, bċieċen eċċ, insomma kellhom biex jgħixu fuq ikel ġenwin, frisk u bla ma jonfqu flus. Miż-żejjed kienu jaħżnu għall-bqija tas-sena jew kienu jbigħuh biex idaħħlu xi ħaġa tal-flus. Kienu nies li jgħixu man-natura, bil-ħin tal-ġurnata rregolat mid-dawl tax-xemx, u ix-xogħol tagħhom imqassam mill-istaġuni. Li fid-djar kulħadd kien jagħmel il-ġbejna tiegħu mhix xi ħaġa qatt ma smajnieha! Sa ftit ilu, forsi 30 jew 40 sena ħafna kien għadhom jagħmel il-ġbejniet id-dar, anke jekk il-bhejjem tal-ħalib kienu naqsu.

Feliċ iż-Żebbuġi kellu għan speċjali, dak li jagħmel il-ġobon tan-nar, il-butir u l-irkotta. Ibda biex il-ħalib ried ikun ġenwin, jiġifieri preferibilment tan-ngħaġ, u mir-razza tajba għall-ħalib bnin u abbundanti. Fi żmien meta ma kienx hemm *refridgeration*, ir-raħħala u l- kumpraturi kellhom jivvintaw mezzi kif jieħdu l-aħjar riżultati. Għalhekk il-ħalib kien jinġabar malli jinħaleb u ma jitħalliex joqgħod, għax jekk ir-ragħwa tinżel, il-krema ma tkunx tista' tinġabar għall-produzjoni tal-butir u l-ġobon. Mhux hekk biss, iżda jekk dan il-ħalib li jitħalla joqgħod jitħallat ma' ħalib ieħor tajjeb, kien jgħarraq il-ħalib kollu! Billi lill-bhejjem jaħalbuhom fil-għodu u fil-għaxija, allura kien hemm bżonn li jinġabar dak il-ħin stess, biex il-ħalib jiġi pproċessat kif ikun għadu sħun. Dan kien jinġarr ġo ġarar tal-landa li kien jagħmilhom il-landier.

### Proċess minn ħalib għal Ġbejna

Biex tagħmel il-ġbejniet l-ewwel jittammas il-ħalib, u malli l-baqta tgħaqqad jgħasruha ġol-qwieleb tas-simar. Dan l-aħħar kien hawn il-qwieleb tal-plastik u l-ħalib kien beda jiġi mtammas bil-qtar li jkun konċentrat f'pillola. Imma qabel, fi żmien li qed niktbu dwaru, dawn l-affarijiet kien għadhom ma jeżistux. Allura biex il-ħalib jgħaqqad u jsir baqta kien jinħtieġ li jitfgħulu ftit qtar. Dan kien isir billi jkollhom stonku tal-ħaruf li jdendluh għar-riħ biex jinxef u wara jerfgħuh ġo reċipjent imgerbeb sewwa ġol-melħ. Dan kien jissejjaħ 'tames', u minn hemm ħareġ il-verb 'tammas'. Meta kien ikollhom bżonn il-qtar, kienu jieħdu t-tames, ifarfruh mill-melħ u jpoġġuh ġox-xorrox li joħroġ mill-ġbejniet, u dak ix-xorrox isir qtar. Dan kien jintrefa' ġo flixkun, u kull darba li jkollhom il-ħalib biex jagħmluh ġobon, iħalltu miegħu ftit qtar. Sadattant it-tames kien jerġa' jintrefa' ġol-melħ għal meta jiġu bżonnu. Naturalment kien ikollhom iżjed minn tames wieħed, ġeneralment tal-ħrief kollha li kienu joqtlu, għax dawn kienu jridu jservu għas-sena kollha.




Din il-proċedura primittiva hija basika, jiġifieri tintuża biex isir kull tip ta' ġobon. Imma Feliċ kien irnexxielu jispeċjalizza fi kwalitajiet oħra ta' ġobon, dak magħruf bħala ta' Sqalli u tat-Tursina, li fi lsien komuni n-nies kienu jsibuh bħala tan-'Nar'. Din kienet tkun ġobna kbira (bħal dik li naraw fil-ħwienet illum) u għalhekk il-qaleb kien kbir u kien ikun tas-simar bħal qwieleb iż-żgħar. Kienu jsejħulha tan-nar għaliex il-ħalib, wara li jħaltulu l-qtar, kienu jgħaqqduh billi



jsajrih fuq in-nar. Għal dan ix-xogħol kellu bżonn ta' borom kbar qishom kardaruni u kien isajruh fuq kuċiniera tal-isteem. Biex iħaffef il-proċess, minnflok kuċiniera waħda kien ikollu tliet kuċinieri jagħtu taħt borma waħda. Kien irid ikollok it-tatika kif issajru sewwa dan il-ġobon, jiġifieri la trid tħallih nieqes mis-sajran u lanqas trid twebbsu żżejjed. Malli jibda jsir ix-xorrox jitla' fil-wiċċ u l-ġobna tgħaqqad u tinżel fil-qiegħ tal-borma. F'ċertu mument tas-sajran kienu jitfgħu l-bżar imkisser jew sħiħ, imma mhux mitħun, u hekk meta tkun lesta l-ġobna tkun bil-bżar. Dan il-metodu hu differenti minn dak ta' meta naħslu l-ġbejniet moxxi u nagħmluhom tal-bżar, imma kien ħawn ħafna min jaf jagħmlu u kien popolari fl-irħula kollha. Għall-ġobna tat-tursina mbagħad kellhom xi ħadidiet irqaq li jżommuhom għal ta' l-apposta, dejjem indaf u xotti biex ma jsaddux, u f'ċertu stadju kienu jtaqqbu l-ġobna b'din il-ħadida minn-naħa għall-oħra; dik it-toqba toħroġ il-bacteria jew tinwir li jieħu forma tat-tursin, imma ma kien ikun xejn tursin. Dan il-proċess joħloq togħma mhix tas-soltu, u minn hawn il-ġobon ħa l-isem tat-'tursina'.
Wara li tkun saret il-ġobna tkun trid toqgħod għar-rwieħ biex tinxef. Filwaqt li l-ġbejniet kienu jnixfuhom fuq qanniċ, bħal xkaffa magħmula mill-qasab, li titqiegħed ġo qafas għall-arja fuq xi bejt, dawn il-ġobniet kbar kienu jitqiegħdu fuq l-ixkaffef ġo għorfa apposta mħolliha għalhekk biss. Katarin kienet tirrakkonta kif kellhom id-dar dejjem mimlija bir-riħa tfuħ tal-ġobon, u li meta kienu jaqsmu xi ġobna kienet tkun kollha mimlija żejt ġo fiha u tgħidx kemm kienet tkun delizjuża! Imma r-riħa tal-ġobon tatira l-ġrieden u biex jevitawhom kienu jrabbu qattus, li jkun imsemmen biex ma jmiss il-ġobon hu stess, u kienu jżommuh dejjem magħluq ġo l-għorfa biex inaffar il-ġrieden.

**Il-ġobon fis-Suq Lokali u Internazjonali**
Matul il-ġimgħa kollha Feliċ kien ikun jagħmel il-ġobon, biex nhar ta' Ħadd fil-għodu kien jieħdu fi Pjazza Savina. Hemmhekk kien ikun hemm suq, kulħadd jifrex fl-art l-oġġetti li kien ikollu għall-bejgħ, u nies minn Għawdex kollu kienu jinġabru minn jixtri u min ibiegħ. Il-ġobon ta' Feliċ kien imfittex u ħafna kienu jistennewh biex jagħżlu u jixtru, hekk li ż-Żebbuġi rnexxielu jistabilixxi ruħu bħala wieħed mill-prem t'Għawdex. Min jaf kemm inxtara ġobon anke għall-Malta! Pero Feliċ kien imsemmi anke barra minn Malta, għax mal-borma u l-kuċiniera taż-Żebbuġi għad fadlilhom landa forma ta' bagalja, li fiha kien jesporta l-butir lejn Marsilja. Fuq l-għatu tagħha hemm miktub l-isem u l-indirizz ta' Feliċ Camilleri 11 Strada Chiesa, u fil-ġnub tal-kaxxa hemm l-ittra F ġo ċirku, qisha bħal *Trade Mark*. Kellu wkoll xi ċertifikati ta' eċċellenza li kien jirbaħ bil-ġobon li kien idaħħal għall-wirjiet internazjonali tal-British Empire, imma dawn baqgħu dejjem imramblin ġo kexxun, u billi ttieklu mill-kamla ntremew.
Il-kuntatti ma' barra u l-kontijiet kien jagħmilhom ibnu Ġużepp, imma l-ħlasijiet u x-xiri kien f'idejn Feliċ. Hu kien idur l-irħula darba fil-ġimgħa jiltaqa' personalment mar-raħħala biex iħallas tal-ħalib. Kien ikun dejjem imħabbat, speċjalment matul ix-xitwa u r-rebbiegħa meta jkun żmien il-ħalib. Imma l-ġobon tan-nar iżomm għat-tul u Feliċ kien ikollu ħażna għas-sena kollha.

**Falliment**
Għalkemm ir-raħħala qalgħu l-flus ma' Feliċ, kien hemm min għir għan-negozju, u beda jisraq il-krema mill-ħalib, hekk li meta dan kien jitħallat mal-bqija tal-ħalib kien jitgħarraq u ma baqax jati riżultati tajbin fil-butir u l-ġobon. Il-produzjoni bdiet titbaxxa, il-qliegħ jonqos, u f'kemm ilna ngħidu n-negozju falla, u ż-Żebbuġi kellu jżarma mill-manifattura tal-ġobon. Għall-ewwel ipprova jaqbad jinnegozja l-bizzilla, iħaddimha fl-irħula u jeħodha jbigħha Malta. Sadattant martu Teresa u wliedu subien u bniet kienu baqgħu dejjem jaħdmu l-bizzilla, imma dan in-negozju ma rnexxiex bħalma kien tal-ġobon, aktar u aktar meta siefru ż-żewġ subien u tnejn minn uliedu bniet daħlu mas-sorijiet, u d-dar kien baqa' biss Ġużepp, li mbagħad daħal jaħdem mal-gvern.
Quddiem dan kollu, meta xi żmien kien ikun hemm il-Missjoni, u wara li jkun sema' xi priedka dak li jkun jindem u jkun irid irodd tal-ħsara, ġie li ġie xi qassis bil-flus "Hawn Feliċ, dawn bgħathomlok min serqek meta tak il-ħalib bla krema", imma issa kien tard wisq!
Feliċ miet fl-1940 fl-eta ta' 83 sena. Hija ħasra li l-esperjenza fis-sengħa li kien kiseb ma għaddiet għand ħadd minn tal-familja. Baqa' biss il-borma, l-qaleb u l-landa biex jagħtu xhieda tal-bżulija u l-għaqal ta' l-antenati tagħna.

[1] Lawrence E.Attard, *L-Emigrazzjoni Maltija*, pin, Malta 1999, p42
[2] Ibid p44-45
[3] Ħajr lil Felica Saliba u ħutha talli għadditilna l-informazjoni u selfitna r-ritratti ta' l-oġġetti li għandhom.